**2 ta' Awissu, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Genoroso *sive* Jimmy Sammut

*versus*

Onorevoli Prim Ministru *et*

**Digriet Interlokutorju – Appell – Terminu**

*Appell minn digriet interlokutorju irid isir f'jumejn żmien tax-xogħol anke jekk dak l-appell isir lill-Qorti Kostituzzjonali.*

Il-Qorti: –

1. Generoso Sammut ippreżenta rikors quddiem l-Onorevoli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u espona illi huwa ġie

misjub ħati tar-reat ta' riċettazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Minn din is-sentenza huwa appella u quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell Krminali talab illi tiġi ammessa li tixhed Carol Fenech, imma dik il-Qorti ċaħditlu t-talba;

2. Bil-proċedura li inizja bir-rikors imsemmi, Sammut, billi x-xhud indikata "tista' tagħti informazzjoni importantissima għall-każ billi tinkwadra b'mod l-aktar preċiż iċ-ċirkostanzi li fihom ġie redatt id-dokument (*recte* ġew redatti d-dokumenti) PC3 u PC4, u ħwejjeġ oħra; talab lill-imsemmija Qorti ta' l-ewwel grad biex tiddikjara illi ċ-ċaħda ta' l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu msemmija fl-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni;

3. Ma' dan ir-rikors Sammut ippreżenta affidavit ta' l-istess Carol Fenech li jikkontjeni dak li Sammut qed jallega li hija l-"informazzjoni rilevantissima";

4. Wara l-oġġezzjonijiet ta' l-intimati, l-ewwel Onorabbli Qorti fit-23 ta' Ġunju, 1994, ordnat l-isfilz ta' l-affidavit – dokument A – u qalet:

"Il-Qorti taqbel ma' l-abbli difensur ta' l-intimat illi r-rikorrent f'ċertu sens poġġa lil din il-Qorti, u konsegwentement anke lil kull Qorti li eventwalment tara l-atti ta' dan ir-rikors, f'posizzjoni fejn taf preċiżament dak li sejra tiddeponi x-xhud Carol Fenech";

*Omissis;*

"Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ għalhekk, il-Qorti tara

illi ma kienx neċessarju illi jiġi pprezentat l-affidavit in kwistjoni, u tara li l-motivazzjoni tar-rikors promotur hija biżżejjed biex tifforma l-bażi tad-dibattitu neċessarju;

Il-Qorti konsegwentement tilqa' t-talba biex dan id-dokument jiġi sfilzat'';

5. Generoso Sammut qed jappella quddiem din il-Qorti minn dan id-digriet għaliex ma hemm ebda liġi li tawtorizza l-isfilz ta' dokument bħal dak li huwa annetta mar-rikors promotur. Il-Qorti ta' Appell Kriminali la qatt rat u lanqas għandha għalfejn tara dawn il-proċeduri u huwa l-operat tagħha li qed jiġi ssindakat, u mhux ''l-atti kostruwiti *(sic)* quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla'';

6. L-intimati opponew illi kontra d-digriet interlokutorju tat-23 ta' Ġunju, 1994, ir-rikors ta' appell ġie ppreżentat tardivament fis-27 ta' Ġunju, 1994;

Ir-rikorrent da parti tiegħu jippretendi li r-regola 4(2) ta' l-avviż legali numru 35/93, isemmi biss ''deċiżjoni'' u għalhekk dik ir-regola tapplika kemm fil-każ ta' appell minn sentenza kif ukoll, fil-każ ta' appell minn digriet;

7. L-eċċezzjoni ta' l-intimati hija bbażata fuq dak li hemm fl-art. 229(2) Kap. 12:

''L-appell qabel is-sentenza definittiva jsir b'rikors lill-Qorti fi grad ta' appell, fi żmien jumejn tax-xogħol minn dak in-nhar li jingħata d-digriet'';

Ir-rikorrent appellant, da parti tiegħu, qed jistrieħ fuq dak

li hemm fir-regola 4(2) tar-Regoli ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati:

"Ir-rikors ta' appell għandu jsir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata, u l-appellat jista' jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika";

Id-"deċiżjoni" msemmija hija dik li tingħata "f'xi kwistjoni li tintbagħat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif hemm ipprovdut fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 46 jew fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (b), (ċ) u (d) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta";

kif jgħid l-ewwel (1) subinċiż ta' l-imsemmija regola 4;

8. Il-Qorti trid tagħżel bejn iż-żewġ provvedimenti li jidher li qegħdin f'posizzjoni jekk mhux kuntrarji waħda għall-oħra, imma ċertament jikkontrastaw u joħolqu tensjoni loġika fl-istruttura proċedurali ta' l-Ordinament;

9. Il-prinċipji għas-soluzzjoni ta' din il-kontrarjetà jew tensjoni li l-Qorti jidhrilha, li għandha ssegwi huwa dawn:

(a) L-ewwel, illi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa dak li jirregola l-proċedimenti li nħolqu bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, sakemm dawn ma ġewx espressament mibdula b'dak li hemm fl-istess artikolu 46. Din id-deroga min-normi ġenerali proċedurali għandha titqies dejjem bħala eċċezzjonali;

(b) Is-sub-inċiż (7) ta' l-art. 46 jitkellem fuq:

"Regolamenti tal-Qorti li jipprovdu dwar il-prattika u proċedura tal-Qorti ta' Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu magħmula mill-persuna jew awtorità li għal dak iż-żmien ikollha s-setgħa li tagħmel regolamenti tal-Qorti dwar il-prattika u proċedura ta' dawk il-Qrati, u għandhom ikunu maħsuba biex jiġi żgurat li l-proċedura għandha tkun b'rikors u **illi s-smigħ għandu jkun b'kull ħeffa possibbli**;

(ċ) Dik l-awtorità fil-mument, huwa l-Bord li jagħmel ir-Regoli skond l-artikolu 29 Kap. 12, li bl-avviż legali numru 25 ta' l-1993 irrinnova l-imsemmija regola 4 ġà parti mill-avviż legali numru 48 ta' l-1964 li għall-ewwel darba pprovda in materja;

(d) Bejn norma regolamentari jew sekondarja u norma kodifikata jew primarja, tipprevali ta' l-aħħar; billi ta' l-ewwel hija inferjuri u ta' l-aħħar superjuri skond **il-kriterju ġerarkiku**;

(e) Skond **il-kriterju kwalitattiv**, in-norma tas-subartikolu (2) ta' artikolu 229 Kap. 12 li tispeċifika "id-digriet" għandha l-kwalifika ta' speċjali waqt li dik tar-regola li ssemmi "deċiżjoni" hija ta' natura ġenerali u l-**ispeċifiku** jipprevali fuq il-**ġenerali**;

9. L-artikolu 29(1)(e) Kap. 12, li bis-saħħa tiegħu saret ir-regola 4, jiddisponi illi:

"Iżda xejn f'dawn ir-regoli m'għandu jkun inkompatibbli jew kuntrarju għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' **liġijiet** oħra";

Ir-regolamenti infatti jridu jkunu jekk mhux ***secundum legem*** almenu ***praeter legem*** *imma mhux* ***contra legem***;

L-inkompatibbilità u l-kontrarjetà tar-regola mad-disposizzjonijiet mhux biss tal-Kodiċi imma ta' l-istess artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, jirriżultaw ukoll mill-konsiderazzjonijiet li jsegwu:

Ir-regoli li kellhom jsiru skond artikolu 46(7) tal-Kostituzzjoni, ikkwotat fil-paragrafu (ċ) *supra,* kellhom ikunu magħmula bl-iskop illi jassikuraw illi "s-smigħ għandu jkun b'kull ħeffa possibbli";

Ma jkunx kompatibbli ma' dan l-iskop orjentattiv jekk kemm-il darba r-regola tiġi applikata biex ittawwal flok tħaffef il-proċedura ta' appell minn digriet interlokutorju, li skond il-Kodiċi, għandu jsir fi żmien jumejn tax-xogħol, mentri bir-regola, dan jiġi allungat għal sitt ijiem tax-xogħol;

10. Dan il-prinċipju bażilari ta' l-ispeditezza fil-proċedura introdotta bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, jirriżulta kjarament mill-istess artikolu u mir-regoli ta' l-avviżi legali 48 u 49 ta' l-1964, li saru ftit wara li daħlet *in vigore* l-Kostituzzjoni ta' l-1964, li kif intqal kienu orjentati biex jimplimentaw proċeduralment u konkretament smigħ b'kull ħeffa possibbli – tant illi din il-Qorti taħseb li l-appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif jirriżulta provvedut fir-regola 4 jirriferixxi biss għall-appelli mis-sentenza konklużiva ta' l-istess Qorti – tant illi hemmhekk ġew abbrevjati sostanzjalment it-termini ta' l-appelli minn sentenzi kif ikkontemplati fil-Kodiċi – artikoli 226 u 242; tant illi, kif huwa nnotat fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Mejju, 1975, fl-ismijiet J. Spiteri *vs* J. Avellino *et* (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978 Vol. II p. 421 Għaqda Studenti tal-Liġi 1979), l-attwali President ta' din il-Qorti, avukat tar-rikorrent f'dik il-proċedura kien

intuwittivament issottometta b'risposta għall-appell minn digriet interlokutorju magħmul minn Joseph Avellino;

"...illi, kif jista' jidher minn eżami, anki superfiċjali, tar-rikors, dan huwa fuq materja ta' natura kostituzzjonali u qed isir fil-Prim'Awla bis-saħħa tal-proċedura li hija stabbilita fil-Kostituzzjoni, u illi l-appell mid-digriet interlokutorji **jista' jsir biss bis-saħħa ta' l-artikolu 227(2) (illum 229(2)) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**...";

U tabilħaqq, l-appelli minn digrieti jiġu ammessi bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili għaliex altrimenti, l-impeditezza tal-proċedura kienet teskludi appelli minn digrieti;

11. L-aħħar osservazzjoni li tista' ssir hija, li fit-30 sena mindu bdew isiru r-rikorsi skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni **l-prattika** forensi dejjem segwiet il-provvediment ta' l-artikolu 229(2) Kap. 12, tant illi, safejn setgħet tikkonstata din il-Qorti, din hija l-ewwel deċiżjoni li l-kwistjoni kellha tiġi eżaminata fis-sens sopraskritt;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tar-rikorrenti qed jiġi ddikjarat inattendibbli peress li sar wara t-terminu stabbilit fl-artikolu 229(2) Kap. 12;

Minħabba analiżi li kellha ssir għall-ewwel darba, l-ispejjeż ta' l-inċident jibqgħu mingħajr taxxa.